MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2726/1996/1

**Eric Cortis**

**Vs**

**Evan Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-13 ta’ Settembru 1996 fejn gie premess:

Illi fis-6 ta’ Novembru 1994 ghall-habta tal-3:45 p.m. waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza tal-marka Seat Ibiza numru B-5205 f’Hal Far (ex runway) kien responsabbli ghall-habta mal-vettura Peugeot F-6433 misjuqa mill-attur;

Illi l-incident sehh unikament tort u htija b’negligenza, traskuragni, imperizia u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Illi l-konvenut waqt li kien qed isuq f'linja parallela ma' l-attur qabad u dawwar f'salt u b'hekk ikkawza l-kollizjoni u kkaguna danni lill-attur;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta' Novembru 1994, f'Hal Far (ex runway) meta kien qed isuq il-karozza B-5205 u investa lill-attur li kien qed isuq il-karozza F-6433;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rizultat tal-kollizjoni fuq deskritta u indikata fl-ewwel talba; u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma likwidata fit-tieni talba bl-imghax dovut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-5 ta' Novembru 1996 tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi l-incident li sehh bejn il-kontendenti fis-6 ta' Novembru 1994 f'Hal Far ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija ta' l-attur li dak il-hin kien qed isuq bi speed sperikolat, b'mod imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku u dana kif kellu jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tieghu, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni fi kwalunkwe kaz huma esagerati;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Frar 1999 li permezz tieghu gie nominat bhala espert legali Dr. Joseph Azzopardi biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osserervazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess espert legali li tinsab esebita a fol. 51 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-16 ta’ Frar 2001;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ezaminat is-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi jinghad qabel xejn li hemm kawza ohra bl-ismijiet “Louis Borg vs Eric Cortis” Citazzjoni Numru 1446/97 FDP u li permezz ta’ verbal li sar fit-12 ta’ Gunju 1998 il-partijiet qablu li l-provi migbura f’kawza wahda jkunu applikabbli fil-kawza l-ohra; dawn iz-zewg kawza jirreferu proprju ghall-istess incident. Ghalhekk wiehed ghandu jaghmel riferenza ghaz-zewg processi sabiex ikun jista’ jaghmel konsiderazzjoni kompleta tal-fatti; jigi rilevat li l-kawza l-ohra qeghda tigi wkoll deciza llum;

Verzioni ta’ l-attur:

Illi l-attur Eric Cortis, fl-affidavit tieghu xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu ghall-habta tal-15:45 tas-6 ta’ Novembru 1994 f’Hal Far “... il-konvenut li kien qed isuq karozza tal-marka Seat Ibiza numru ta’ registrazzjoni B-5205 u li kien ‘il quddiem aktar minni u fuq ix-xellug tieghi

isuq hdejn xi karozzi pparkjati, qabad u dar min-naha ta' kontra s-sewwieq u bla indikazzjoni li ha jdur, dahal bit-tul tal-karozza tieghu fil-korsija tieghi." Spjega li ghalkemm zamm il-brake, l-art kienet imxarrba u l-brake ma zammx, u ghalhekk sehh l-impatt. Saviour Camilleri, li kien passiggier mieghu wkoll jikkonferma dan. Dwar danni, l-attur xehed li l-ammont li nefaq fir-rigward ta' parts u labour tela' ghal Lm1495.36,8;

Verzjoni tal-konvenut:

Illi l-konvenut Evan Borg fl-affidavit tieghu xehed li meta sar l-incident huwa kien qed isuq il-vettur B-5205 go Hal Far sejjer fid-direzzjoni tal-fabbriki, "Nghid illi waqt li kont hekk qed insuq ghamilt l-indicator tal-lemin u bdejt sabiex bil-mod il-mod nigbed lejn in-nofs tat-triq, peress illi ridt indur gewwa side street li kienet fuq il-lemin tieghi. Nghid illi kif kont qed naghmel din il-manuvra smajt xi hadd jibbrejkja sew u fit-tul warajja, harist u qabel ma rrealizzajt sew x'kien qed jigri smajt hoss kbir, tisbita, u hassejt daqqa kbira fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tieghi." Qal li osserva li l-attur kien halla brake marks twal u li wara sar jaf li kienu ta' 31.4 metru. Dwar danni, qal li l-vettura giet dikjarata total loss u ma setghetx tissewwa;

Illi missier il-konvenut Evan Borg, Louis Borg, li kien is-sid tal-vettura Seat Ibiza B-5205, xehed li l-karozza kienet assigurata third party fire and theft. Wara l-incident ghamel claim mas-socjeta` assikuratrici, Gasan Insurance, izda peress li kienet inxurjata third party ma ha xejn. Qal li l-karozza kienet assigurata fl-ammont ta' Lm1800 u ghall-irmunkar nefaq Lm25.

Dwar l-iskizz:

Illi l-espert legali spjega li kien hemm kontestazzjoni dwar l-iskizz ghaliex kien hemm allegazzjoni li inbidel f'xi mument. L-attur xehed 'Nichad li l-brake-marks kienu kif indikati fl-iskizz. Kienu biss fuq in-naha tieghi." Ix-xhud ta'

l-attur, Saviour Camilleri qal li fl-ewwel skizz li ra ma kienx hemm brake marks;

Il-konvenut xehed li l-iskizz kien tahulu s-surgent li rrediga r-rapport. Kontro-ezaminat xehed li meta tahulu ma kienx hemm il-brake marks imnizzlin u nizzilhom dak il-hin quddiemu. PS 711 Anthony Polidano xehed li kien hu li investiga l-habta in kwistjoni. Huwa qal li l-iskizz ghamlu hu u kkonferma li l-firem fuq il-linja tal-brake marks hija tieghu. Ma jiftakarx jekk kienx gie xi hadd jghidlu li ma jaqbilx ma l-iskizz, pero` qal li “Ma nistax neskludi li l-brake-marks pingejthom wara minhabba li l-firma qeghda propju fuq il-brake marks.” Qal li s-soltu l-firma tkun fuq in-naha ta’ fuq. Huwa spjega li ladarba ghamel l-iskizz hu, huwa biss huwa awtorizzat jikkoregih. Huwa ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa cert li kien hemm brake marks kif jidhru fl-iskizz u kkonferma wkoll li kienu transversali, jittraversaw il-white line, propju kif indikati fl-iskizz;

Illi ghalhekk ghalkemm ma jidhrix li kien hemm il-brake marks fl-iskizz originali, mix-xhieda ta’ l-ispettur m’hemm l-ebda dubbju li dawn fil-fatt kienu hemm ghalkemm l-attur ma jaqbilx mal-posizzjoni taghhom u jinsisti li kienu biss fuq in-naha tieghu;

Konsiderazzjonijiet:

Illi t-tul tal-brake marks, juru li l-attur kien qed isuq bi speed konsiderevoli u li gie sorpriz bil-manuvra tal-konvenut. Fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur ma cahadx li kien ghaddej b’velocita’, pero` accenna ghall-fatt li kien il-Hadd, u li kulhadd imur Hal Far propju biex isuq. Ix-xhud tieghu wkoll ma cahadx li dak li jkun jitla’ Hal Far ghal dawn l-affarijiet.  Pero` l-attur issottometta li ma giex stabbilit li l-ispeed tieghu kien ta’ iktar minn dak permess bil-ligi u kkontenda li l-brake marks ma kinux tat-tul indikat fl-iskizz. Il-Qorti tosserva pero` li dan il-punt ma ssollevahx fix-xhieda tieghu, fejn huwa kien oggezzjona biss ghall-posizzjoni tal-brakes;

Jirrizulta wkoll mill-provi li l-konvenut kien qed isuq quddiem l-attur fuq ix-xellug tieghu u biddel id-direzzjoni tal-vettura biex jidhol fil-karreggjata tal-lemin li fiha kien qed isuq l-attur. Huwa qal li xeghel l-indicator u bil-mod il-mod beda riesaq lejn in-nofs tat-triq meta f'hin minnhom sema' hoss ta' brakes u saret il-habta;

Illi l-espert legali spjega li serje ta' decizjonijiet f'kollizjonijiet simili jitfghu it-tort kollu fuq min kien qed isuq quddiem, bhal per ezempju fil-kawza Frank Taylor noe vs Stephen Brincat (FGC/1994) fejn il-Qorti mhux biss ikkwotat diversi sentenzi f'dan is-sens izda wkoll diversi awturi li jaghmluha cara li mhux bizzejjed li sewwieq li jkun se jbiddel id-direzzjoni jixghel l-indicator izda hemm bzonn li jieqaf u ma jbiddilx id-direzzjoni qabel ma jkun mija fil-mija cert li l-manuvra tieghu mhix ser tipperikola xi habta. L-espert legali spjega wkoll li ricentement kien hemm bidla cara f'din il-linja ta' gurispudenza fis-sens li t-tort qed jigi spartit meta jkun hemm kontributorja cara da parti tas-sewwieq l-iehor, u irrefera ghad-decizjoni moghtija fil-kawza "Dobler vs Caruana" (Appell/1998) fejn it-tort gie spartit zewg terzi u terz kontra s-sewwieq ta' quddiem, u qal ukoll li hemm ukoll sentenzi ricenti fejn it-tort gie spartit ugwalment meta s-sewwieq ta' wara kien qed jissorpassa;

Illi l-espert legali hass li fil-kaz in kwistjoni t-tort ghandu jigi spartit due terzi kontra l-konvenut u terz kontra l-attur u dan minhabba li l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv li ma tahx cans jikkontrolla l-vettura meta ra l-konvenut ibiddel il-karreggjata tieghu filwaqt li l-konvenut messu uza aktar prudenza qabel ma ttanta manuvra simili;

Illi l-Qorti tifhem li z-zewg sewwieqa kienu ghaddejjin b'velocita` ferm superjuri ghal dik konsentita mil-ligi; kif issottometta l-istess attur kulhadd imur Hal Far proprju biex isuq u l-Qorti mic-cirkostanzi kollha tal-kaz hi perswaza li kien dak li proprju kienu qed jaghmlu iz-zewg partijiet – il-hsarat imgarrba fil-karozzi u kif spiccaw, oltre il-brake marks u d-dubji mixhuta fuq l-evidenza u t-tul taghhom jikkonfermaw dan; il-partijiet ghandhom jifhmu li mhux facli ghalihom li jippruvaw jisvijaw lill-Qorti f'incidenti

simili li possibilment kienu qed jigu segwiti anki minn terzi li jieqfu mal-gnub tat-triq maghrufa ghas-sewqan;

Illi f'dawn ic-cirkostanzi hafna mill-enunzjonijiet mehuda mill-gurisprudenza ma japplikawx ghal kaz odjern fejn manuvri bruski, possibilment biex jevitaw sorpass ma huma xejn rari. Is-singolarita` tat-triq u n-nuqqas ta' l-indikazzjoni bejn karreggjata u ohra fl-istess direzzjoni ma humiex tali li jghinu fir-regolazzjoni tat-traffiku;

Illi l-Qorti hi tal-fehma li meta l-attur kien ghaddej b'tali velocita` kellu jzomm distanza adegwata ghal nuqqasijiet u manuvri inkonsweti ta' min ikun quddiemu: l-uzu ta' l-indicator f'cirkostanzi ta' kwazi gara, ghandu valur relativ u, anki jekk huwa veru li l-konvenut xeghelhom, certament in-nuqqas ta' l-attur ma kienx dovut ghal fatt li ma tax kaz ta' dawn l-indicators. B'dik il-velocita`, fi triq maghrufa ghat-tlielaq bejn dilettanti, il-partijiet kellhom jiehdu in konsiderazzjoni manuvri ferm difficli minn dawk li wiehed jistenna fi triq normali;

Illi fil-fehma tal-Qorti iz-zewg partijiet ikkontribew ghall-habta u dan b'mod ugwali;

Illi dwar l-ammont ta' danni mitlub mill-attur, u cioe` ta' elf erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin, sitta u tletin centezmu u hames millezmi (Lm1495.36,5), dan huwa pruvat mill-ircevuti li esebixxa l-istess attur, li flimkien jammontaw propju ghal dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel talba limitatament u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh f'Hal Far fis-6 ta' Novembru 1994; fil-porzjon ta' nofs;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin, sitta u tletin centezmu u hames millezmi (Lm1495.36,5);

Tilqa’ t-Tielet Talba limitatament u tikkundanna lill-konvenut ihallas likl-attur is-somma ta’ seba’ mija sebgha u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm747.68) bl-imghax mid-data ta’ meta din il-kawza tghaddi in gudikat;

L-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu nofs mill-konvenut u nofs mill-attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur